**Dan il-kwiżż jista' jintlagħab b'mod individwali jew fi gruppi.**

Univers Ieħor

**Agħżel il-ħażina.**

**Dan is-sunett għandu numru ta' temi. It-tema:**

**tal-univers, tal-fidi Nisranija, eżistenzjali, tal-omm.**

Univers Ieħor

# Kif ikun mibni sunett Petrarkjan?

Univers Ieħor

**Għid jekk hux tajba jew ħażina.**

**Dun Karm minn dejjem kien jikteb bil-Malti.**

Univers Ieħor

# Liema teknika letterarja tintuża fit-titlu?

Univers Ieħor

**Agħżel it-tajba.**

**It-terminu letterarju li jintuża meta sunett jibdel it-tema jissejjaħ:**

**volta, vates, vers.**

Univers Ieħor

**Liema teknika letterarja l-aktar li titħaddem f'dan is-sunett?**

**B'mod ġenerali x'inhi l-funzjoni tagħha?**

Univers Ieħor

**Agħżel żewġ kelmiet li jaqblu fi strofa mis-sunett u vvinta żewġ versi li jirrimaw bl-istess kelma wara nett.**

Univers Ieħor

**Agħżel il-ħażina.**

**Fil-letteratura ta' Dun Karm l-omm tieħu 4 forom:**

**l-omm nazzjonali, l-omm universali, l-omm divina, l-omm għadu, l-omm personali.**

Univers leħor

**F'dan is-sunett jitħaddem il-kuntrast.**

**Liema hu?**

Univers ieħor

**Dun Karm f'dan is-sunett jgħid "kwiekeb tnejn biss" (v. 5).**

**Għal xiex qed jirreferi l-poeta?**

Univers Ieħor

**Agħżel strofa u rreċtaha.**

**Min jaqta' liema hi jieħu punt miegħek.**

Univers Ieħor

**Għid jekk hux tajba jew ħażina.**

**Dun Karm influwenza ruħu minn kittieba Taljani kbar bħal Petrarca, Dante u Manzoni.**

Univers Ieħor

**Xi tfisser "l-ogħna matmura" (v.8)?**

**F'dan is-sunett għal xiex qed tirreferi?**

Univers Ieħor

**Agħżel it-tajba.**

**X'tissejjaħ metafora li tintuża matul il-poeżija kollha:**

**metafora konkretistika, metafora estiża, metafora mħallta.**

Univers Ieħor

**Għid jekk hux tajba jew ħażina.**

**Dun Karm huwa poeta Romantiku kif ukoll il-poeta Nazzjonali ta' Malta.**

Univers Ieħor

**It-tema tal-omm hija tema b'saħħitha ħafna fil-poeżiji u fis-sunetti ta' Dun Karm.**

**Semmi żewġ poeżiji li fiha tidher din it-tema.**

Univers Ieħor